**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D**

**Appell Nru: 249 / 2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur** Christian Cauchi)

**Vs**

**Kevin Ciantar**

**Illum 31 ta' Ottubru 2023.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Kevin Ciantar detenur tal-karta tal-identita Maltija **69674M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

(1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkawża offiża ħafifa fuq bintu u cioe Amy Ciantar hekk kif iċċertifikat minn Dr Monica Camilleri (Med Reg. 3377).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' Gunju, 2023, fejn sabet lill-imputat Kevin Ciantar hati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tieghu fejn wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma kkomettix reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur.

L-ewwel Qorti ordnat l-ħlas tal-ispejjeż peritali skond id-dettami tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' €79.33 dovuti lill-esperta mahtura Dr. Katya Vassallo.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kevin Ciantar, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Gunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell u tiddeċiedi s-sentenza appellata kif gej:

a. Tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Qorti bħala nulla u tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-każ mill-ġdid.

b. Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-liġi.

Alternattivament, u mingħajr pregudizju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tiġi imposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ- ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Kevin Ciantar li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi f'dan l-isfond l-esponenti qiegħed umilment jissenjala l-fatt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda li għandha tiġi dikjarata **nulla** għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u dan stante l- fatt li hekk kif ser jigi spjegat, 1-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha naqset mill tosserva skruplozament dak provdut fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali Artikolu tal-Liġi jgħid ben car is-segwenti u cioe:"

> "*382. Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub hati, tagħti l-piena u ssemmi* ***l-artikolu ta' dan il-Kodiċi*** *jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*" ***(Sottolinear tal-exponenti).***

Illi meta wiehed jirreferi ghal-Kodiċi Kriminali nostrana tali jkun jista jinnota kif l-Artikolu tal-ligi li fuqu l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' htija tagħha huwa wiehed inezistenti u b'hekk konsegwentament tali skorrettezza procedurali certament toħloq sens ta' incertezza f'moħħ l-esponenti rigwardanti liema reat huwa effetivament ġie misjub hati tieghu.

Il-Qorti tal-Magistrati trid tassigura li l-artikoli li tiċċita fis-sentenza kundannatorja tagħha jirriflettu l-akkużi li bihom l-akkużat ikun mixli, il-fatti li tagħhom l-akkużat ikun ġie misjub hati, u r-reat li tieghu ikun instab hati. Il-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li l-Qorti setghet tkun għamlet fis-sentenza taghha qabel tkun waslet ghal tali deċiżjoni kundannatorja ghandhom ikunu jaqblu mad-decide. L-akkużat

misjub hati għandu jkollu idea cara ta' dak illi huwa jkun ġie effettivament misjub hati tiegħu u mogħti l-piena għalih minn dak li huwa setgha ma ġiex misjub hati tiegħu.

Huwa imperattiv kemm għall-Prosekutur li meta jiġi biex jixli formalment persuna quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali huwa jindika b'mod korrett u preċiż l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw r-reat. Huwa daqstant ieħor imperattiv fuq il-Qorti tal-Maġistrati, li meta tiddeċiedi li ssib akkużat hati, tindika b'mod korrett u preċiż l-artikoli tal-Liġi speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Il-frazi "l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reat" trid tinftiehem b'mod shih. Din tirriferi għal dawk l-artikoli tal-Liġi kollha speċifikament applikabbli għal dik il-fattispecie partikolari u li jkunu jirriflettu b'mod preċiż u mhux b'mod generiku jew approssimattiv - ir-reati (nonche l-pieni u konsegwenzi) applikabbli għal dak il-każ partikolari. La l-Prosekutur fl-akkużi formali tiegħu, u wisq anqas il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza tagħha, ma jistgħu jiċċitaw artikoli li minn natura tagħhom ikunu jagħtu lok għal dubju, incertezzi jew ekwivocita dwar liema reat preċiż l-akkużat ikun ġie mixli bih jew li tieghu ikun ġie misjub hati.

Meta l-Qorti tal-Maġistrati tiġi biex tagħti s-sentenza tagħha, hija trid tkun ċara u speċifika fl- artikolu jew artikoli tal-Liġi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Altrimenti l-Qorti tista' tkun qegħda toħloq incertezza fis-sentenza tagħha stess. Din l-inċertezza ma hemmx postha f'ġudizzji penali u trid tiġi evitata b'riferiment specifiku u preċiż għall-artikolu jew artikoli tal-Ligi partikolari u speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat f'dak il-każ partikolari. Jekk il-Qorti tal-Magistrati thalli dubju dwar fejn tkun radikata l-htija tal-imputat - b'mod li l-ħtija tkun indistingwibbli, jekk mhux ukoll ekwivoka,

konfliggenti jew kontradittorja - allura imbagħad f'dak il-każ jista' jkun hemm l-estremi tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

**2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tieni aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setghetx legittimament u ragonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha. Dan jingħad stante l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha lill- hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u b'hekk ma ssodisfawx il-grad tal-prova rikjest mil- Liġi fil-kamp kriminali.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** (7 ta' Marzu 2002) jingħad li:

> *"...din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma tergax tagħmel gudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam malvalutazzjoni u evalwazzjoni tal- fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruhha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jigifieri jekk din il-Qorti tara li*

*l-Qorti tal- Magistrati setgħet legittimament u ragonevolment tasal għallkonklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setghet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati."*

**3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tielet aggravju huwa ĉar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi r-reat addebitat lill-appellant fil-proċeduri odjerni huwa dak misjub fl-Artikolu 226(1)(c), liema reat huwa fih innifsu wiehed ta' natura involontarja. Il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li l-esponenti jemmen hija ta' indikattiva cara tal-apprezzament żbaljat tal-provi da parti ta' tali Qorti hija s-segwenti u cioe:

*"....din il-Qorti temmen li l-imputat seta' pprevjena tali agir u partikolarment bl-użu tal- istrument in kwistjoni bl-għata b'kollox, setgħu jirriżultaw il-griehi li subiet Amy."*

Illi bir-rispett kollu l-esponenti umilment ihoss li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment tasal għal din il-konklużjoni u dan in vista tal-fatt li meta wiehed janalizza fil-profond iċ- ċirkostanzi kollha tal-każ odjern in relazzjoni mal-prinċipju tal-bonus paterfamilias, wiehed jista jasal għal konklużjoni unekwivoka li l-esponenti

certament issodisfa tali test oggettiv, liema test huwa utilizzat sabiex jiġi konkluż jekk ir-reat in dezamina irriżultax o meno.

L-aqwa prova li propju ssostni t-teżi tal-esponenti, u cioe li fil-każ odjern ma rriżultax in- negligenza rikjesta sabiex reat involontarju bħal dak ikkontemplat fil-proċeduri odjerni ma jistax bl-ebda mod jissusiti, huwa propju dak li qalet l-Ispettur Audrey Micallef fl-istqarrija irrilaxxata da parti tal-esponenti nhar is-26 ta' Settembru 2021. L-Ispettur f'pagna 15 ta' tali stqarrija tgħid is-segwenti u cioe "*L-isfortuna hi li l-plastic gatghet mentri hi ma taqtax.*" Di piu u oltre minn hekk l-esponenti f'pagna 6 tal-istqarrija relattiva jgħid is-segwenti u cioe "*Issa li gara huwa l-plastic li suppost huwa cover biex tkun iktar safe sort of, gie jaqta hu, li jiena langas biss tgħaddili minn mohhi...*"

Illi kif jixhed 1-inkartament supremess, u cioe l-istqarrija tal-esponenti, kemm l-Ispettur kif ukoll l-istess esponenti jaqblu li huwa ma setghax ragonevolment jantiċipa dak li effettivament gara u li di piu u oltre minn hekk tali inċident kien wiehed sfortunat. Tali huwa ta' sostenn ghat-tezi tal-appellant li huwa ma seta qatt ragonevolment janticipa dak li effettivament gara.

Illi bir-rispett kollu u hekk kif jemergi kjarament kemm mill-ġurisprudenza nostrana u kif ukoll minn dak indikat da parti tal-Profs Mamo, sabiex l-element tal-culpa ikun jista jiġi pruvat irid ikollna ċirkostanzi fejn il-persuna imputata ma tkunx anticipat dak li persuna ragonevoli tkun mistennija li tanticipa. Il-profs Mamo jgħid li għalkemm il-frażijiet "nuqqas ta' hsieb" u "traskuragni" mhumiex moghtija definizzjoni mil-liġi pero

jkompli jgħid li "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*" "*the essence of negligence is made to consist in the possibility of foreseeing the event which has not been foreseen*"

Illi l-fatt li hekk kif anke konfermat da parti tal-minuri Amy u cioe li hi u missierha lagħbu dawn it-tip ta' loghob kemm il-darba, kif ukoll l-ironija li l-cover protettiv spiċċa kien il-kawża tal-feriti in deżamina huma cirkostanzi li meta amalgamati ma dak kollu supremess fl-aggravju odjern iwasslu ghal prova cara li l-livell ta' negligenza necessitata freati ta' din in-natura ċertament ma ntlaħaqx u b'hekk l-esponenti ma jistax jiġi misjub hati tar-reat addebitat lilu.

**4. Illi minghajr pregudizzju għas-suespost ir-raba' aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi, bl-akbar rispett iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kif ukoll is-sitwazzjoni preżenti tal-esponent kellhom jingħataw aktar attenzjoni u kellhom jiġu mogħtija piż akbar meta l-Ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet il-piena. L-esponent umilment jemmen illi ċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni dwar in-nulita tas-sentenza u dan fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2023 fejn sahansitra qablu li din il-Qorti ghandha l-ewwel nett taghti sentenza dwar dan l-ewwel aggravju dwar in-nullita tas-sentenza peress li ma giex segwit il-vot tal-artikolu 282 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

__Ikkunsidrat;__

In sintezi d-difiza qed issostni li meta l-ewwel Qorti iccitat fid-decide taghha l-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 qabel iddikjarat lill-akkuzat hati ghamlet zbal u dan ghaliex meta l-Qorti tiddikjara lill-persuna hatja trid taghmel dikjarazzjoni ta' htija ta' reat kif kontemplat fil-kodici billi ticcita l-artikolu tal-ligi li jirrefletti dak l-istess reat. Il-kliem '*L-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reat*' irid jinftiehem b'mod shih. Irid ikun hemm referenza ghar reat b'mod specifiku u mhux b'mod generiku kif gara f'dan il-kaz. Dan ghaliex tkun il-Qorti stess li tkun qed tohloq incertezza fis-sentenza taghha. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti messha identifikat is-sub artikolu tal-artikolu 221 li tieghu instab hati.

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi *sine qua non* ghall-validita ta' sentenza.

L-**artikolu 382 tal-Kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti: -

> *"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati.

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat.

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita' f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfissra imwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala rizultat ta' difett fil-formalita'. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti m'humiex semplici formalita' izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

lli skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellate, (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1] ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]; **Il-Pulizija vs Benjamin Muscat**[3]; **Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4], **Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]; **Il-Pulizija vs. John Axiaq et** [6]"u ohrajn).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et** [7]il-Qorti irriteniet li: -

> *"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar it-28 ta' Gunju 2002 u l-10 ta' Lulju 2002.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002.
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006.
[7] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[8], gie ritenuto li: -

> *"In-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjaliDawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi ddikjarata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti msemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahdaminnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** [9]il-Qorti irriteniet li:

> *"In-nuqqas ta' indikazzjoni tal-artikoli tal-ligi skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali sollevabbli mill-Qorti "ex officio" anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullita' tas-sentenza".*

Oltre dan fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar**[10], inghad b'mod car u univoku li: -

Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi [referring to Article 382 of the Criminal Code] jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' '*lapsus calami*' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija.

L-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Kokkinakis v. Greece** [11] fejn il-Qorti Ewropeja qalet li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea joffri, dak li hija sejhet bhala "*essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment*" u spjegat illi: -

[8] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005
[10] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-17 ta' Gunju 2014
[11] App 14307/88 (QEDB, 25 Mejju 1993)

*"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of therelevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable.[12] "*

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi ddikajrata nulla m'hemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decizjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

Illi l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani**[13] ikkunsidrat ukoll: '*Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija.* (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius** [14]u ohrajn)

Fil-kaz in desamina ir-reat ta' kagunar ta' ferita hafifa kif deskritta fl-artikolu 221 igibu piena differenti u termini ta' preskrizzjoni differenti fis-sub incizi tieghu. Jinghad li jekk il-ferita hafifa hija wahda hafifa kif deskritta fis-sub artikolu (1) tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' htija il-piena tkun wahda ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew il-multa u ghalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin ai termini tal-artikolu 688 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt jekk l-Qorti issib htija skond is-sub artikolu (2) tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena tkun dik ta' prigunerija minn sentejn sa seba snin u t-terminu tal-preskrizzjoni ai terminu tal-artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikun ta' ghaxar snin kif kontempalt fl-artikolu 688 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sub inciz (3) ukoll jimporta piena differenti minkejja li ir-reat jibqa dak ta' kagunar ta' ferita hafifa u dan ghaliex l-piena tista' tkun sa tlett xhur prigunerija u ghalhekk preskritt

[12] para. 52
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 t' Awwissu, 2006
[14] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995

bl-artikolu 688 (e) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta jew piena ta' kontravenzjoni u ghalhekk il-perijodu ta' preskrizzjoni tkun dik tal-artikolu 688 (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk huwa importanti li l-Qorti wara li tiddikjara htija ta' reat partikolari ghandha tiddecifra u ssemmi ukoll kemm l-artikolu u liema sub artikolu huma relevanti ghas-sejba ta' htija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu u thalli impregudikat l-aggravi l-ohra u in oltre tiddikjara li minhabba il-konfuzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni akkuza l-ewwel sentenza hija nulla, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu minn din l-Onorabbli Qorti wara li qed tpoggi lill-appellant *in status quo ante* qabel ma nghatat l-ewwel sentenza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

Imhallef

Maria Grech

Deputat Registratur